Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 4/2018

**Maria Concetta Sant**
**(appellata)**

**vs**

**World Marketing Services Limited**
**(appellanti)**

29 ta' Marzu 2019.

1. Permezz ta' avviż ta' talba quddiem it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumaturi l-attriċi ppremettiet illi hija xtrat *water softener* mingħand is-soċjeta konvenuta. Wara li dan il-prodott ġie installat mit-tekniċi tas-soċjeta konvenuta, l-istess wassal sabiex ikkontamina l-ilma tar-residenza kollha tal-attriċi. L-attriċi talbet li s-soċjeta konvenuta tkun kundannata thallasha s-somma ta' €3,494.06 bhala danni.

2. Min-naħa tagħha is-soċjeta konvenuta fit-2 ta' Frar 2016 wiegbet li m'hemmx ness kawżali u dan għaliex il-kontaminazzjoni in kwistjoni setgħet ġiet mill-*plumbing* tar-residenza tal-attriċi b'diversi modi, iżda mhux permezz tal-apparat *water softener* li jkun sterili fil-mument tal-konsenja u min-natura tiegħu l-mikrobu ma jistax jgħix fih. Is-soċjeta konvenuta teċċepixxi wkoll 'li r-rikorrenti tidher li qed twaħħal fl-apparat installat huwa l-għaliex il-kontaminazzjoni jidher li bdiet fl-istess żmien jew ftit wara l-installazzjoni ta' l-apparat, jew għaliex kellha l-kontaminazzjoni diġa u ppretendiet li l-*water softener* ser ineħħihulha; fil-fatt, l-apparat in kwistjoni la jikkawża kontaminazzjoni bħal dik in diżamina u lanqas jippreveniha jew jeqridha, billi dak mhuwiex il-kompitu ta' water softener.

3. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2018, it-Tribunal laqa' it-talba parzjalment u ordna lis-soċjeta konvenuta tħallas l-ammont ta' €1,800 u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

   i. Li r-rikorrenti ħallset €1,600 sabiex ġie nstallat l-*water softener* u li kien hemm mikrobu perikoluż fl-ilma tax-xorb kif ukoll tal-ħasil kien ikkontaminat;
   ii. Riżultati tat-testijiet tal-laboratorju tal-kontaminazzjoni ġew eżibiti;
   iii. Ir-rapport tal-inġinier *ex parte* Renzo Curmi kien ikkunsidrat, liema rapport ikkonkluda li s-sistema tal-*water softener* ma ġietx installata tajjeb u li l-*waste*

*water* qed jerġa jmur lura fis-*softener* mid-*drain pipe* u ssuġġerixxa li ssir diżinfettazzjoni tas-sistema ta' l-ilma bil-*chlorine;*

iv. Li kien hemm kunflitt ta' fatti u dan peress li Emanuel Zerafa, it-tekniku li nstalla is-sistema tal-*water softener* ikkonferma li huwa wassal il-pajp sad-drejn u ma kienx imdaħħal fid-drenaġġ;

v. Is-soċjeta' konvenuta ssotomettiet li l-Inġinier qatt ma ra s-sistema tiġi nstallata u qatt ma seta' jaraha tiffunzjona għaliex l-apparat kien maqlugħ. Di piu, argumentat ukoll li l-inġinier ma wasalx għall-konklużjoni definittiva u l-kontaminazzjoni ġiet mill-melħ oħxon li użat u li ma kienx inxtara mid-ditta ntimata u li minn hemm saret il-kontaminazzjoni.

vi. Hemm kunflitt fil-fatti fejn parti tgħid li l-pajp tas-sistema kien nieżel fid-drenaġġ, filwaqt li parti oħra tgħid li l-pajp kien sempliċiment ħdejn il-bokka;

vii. Ir-rapport tal-Inġinier ma jasalx għal konklużjoni definittiva imma suppożizzjoni ta' x'seta' ġara;

**viii. It-tort ingħata lis-soċjeta' konvenuta peress li huwa l-obbligu tal-istess li tassigura li dak li twaħħal huwa tajjeb, iżda tagħti tort lill-attriċi wkoll talli ma ħaditx azzjoni fi żmien neċessarju.**

4. Is-soċjeta' konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma s-segwenti:

i. Il-kunflitt ta' provi rilevat mit-Tribunal kellu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet u mhux għal deċiżjoni salomonika li jitnaqqas l-ammont mitlub;

ii. It-Tribunal aċċetta l-prova tal-kontaminazzjoni, meta l-kampjun ta' l-ilma ttieħed minn persuna mhux ikkwalifikata sabiex issegwi l-proċeduri korretti u neċessarju sabiex tali kampjun jittieħed korrettemnet u ma jiġix ikkontaminat, u meta tali persuna kienet il-persuna stess li qed tagħmel l-ilment u għalhekk kellha interess f'dak li kienet qed tagħmel; u dan apparti li r-rapport in kwistjoni qatt ma ġie kkonfermat bil-ġurament; għalhekk, l-obbligu fuq min jallega ma ġiex sodisfatt;

iii. Nonostante l-kunflitt ta' provi, it-Tribunal sab illi xorta waħda kien hemm nuqqas tas-soċjeta esponenti li *"tassigura li dak li twaħħal huwa tajjeb"*; madanakollu, it-Tribunal la jispjega b'liema mod, skond huwa, dak li twaħħal ma kienx tajjeb, u lanqas ma spjegat fiex kien jikkonsisti l-allegat nuqqas tas-soċjeta' esponenti; dan apparti li s-soċjeta esponenti tiċħad kwalunkwe nuqqas min-naha tagħha u tiċħad li saret l-iċken prova ta' kwalsiasi nuqqas;

iv. Mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, anke meħud kont tad-diskrezzjoni tat-Tribunal f'materja ta' ekwita u fejn jidħlu likwidazzjonijiet *arbitrio boni viri*, u anke tad-diskrezzjoni ta' kull qorti u tribunal fejn jidħol il-kap ta' l-ispejjeż, l-esponenti ma tistax tifhem għalfejn it-Tribunal iddeċieda li kellu jilqa' approssimattivament nofs it-talba rikorrenti filwaqt illi jikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

5. L-appellata wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma. L-appellati rrimarkaw li permezz ta' dan l-appell, is-soċjeta appellenti qiegħda tistiden lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. Mingħajr preġudizzju, ingħad li l-appellata ġabet dik il-prova rikjesta li biha ppruvat il-pretenzjoni tagħha u ċioe li l-kontaminazzjoni ġiet in segwietu għall-installazzjoni tal-apparat.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. Il-qorti tistqarr li t-Tribunal jagħti x'jifhem li minħabba l-kunflitt ta' provi li hemm u l-fatt li r-rapport tal-inġinier Curmi "ma jasalx għall-konklużjoni definittiva imma kważi kważi fuq supposizzjoni ta' x'seta' ġara", allura kkonkluda li:

> *"It-Tribunal, għalhekk qed jagħti tort lid-ditta ntimata għax għandha l-obbligu li tassigura li dak li twaħħal huwa tajjeb. Pero' min-naħa l-oħra qed tagħti ftit tat-tort lir-rikorrenti talli ma ħaditx azzjoni wkoll fi żmien neċessarju".*

7. Il-qorti tistqarr li ma tistax tifhem dak it-tip ta' raġunament. Hekk per eżempju t-Tribunal ma spjegax x'azzjoni kellha tieħu l-attrici *'fi żmien neċessarju'*. Hekk ukoll it-Tribunal filli jgħid li hemm kunflitt ta' provi u li l-inġinier Curmi ma wasalx għall-konklużjoni definittiva dwar il-kawża tal-kontaminazzjoni, u mbagħad igħid li l-konvenuta għandha tagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-attriċi għaliex kellha *'l-obbligu li tassigura li dak li twaħħal huwa tajjeb'*.

8. Il-qorti hi tal-fehma li l-motivazzjoni hi fqira u tagħti lil din il-qorti x'tifhem li t-Tribunal kien indeċiż kif ser jiddeċiedi l-kawża u għażel it-triq tan-nofs. Din il-qorti ma taqbilx.

9. L-attriċi ressqet bħala prova parir *ex parte* ta' inġinier li qal li l-kontaminazzjoni tal-ilma kienet minħabba li:-

   a. Id-*drain pipe* tas-softener kien tpoġġa, *"in an underground cavity located in the garage and connected to a gulley trap in the driveway (refer to photos in Annex 1)"*; jew
   b. Il-melħ li kien qiegħed jintuża kien kontaminat.

10. Il-konkluzjoni tal-espert kienet li:

> *"Based on the investigation carried out and also on the analysis of the findings, the main point arising out of this report is that **the water softener drain was not installed properly by the contractor**, thereby leaving the possibility of waste water being sucked back into the softener via the same drain pipe. Such an occurrence would invariably have led to*

*the bacterial contamination of the entire plumbing system within the said premises"*.

11. Hu ghalhekk evidenti li l-inginier Curmi ppezuma li kien impjegat tal-appellanti li pogga l-pajp gewwa l-*gulley* kif jidher fir-ritratti li hemm fir-rapport li għamel, mingħajr ma spjega kif wasal għal dik il-konklużjoni.

12. Nancy Buhagiar stess, li l-qorti fehmet li hi direttur tas-soċjeta' konvenuta xehedet: *"Li qed nahseb li kien hemm kontaminazzjoni mill-pajpijiet jew mill-melħ"* (sewduta tal-21 ta' Marzu, 2017). Melħ li Charles Calleja, uffiċjal tal-konvenuta, xehed li kien issuġġerixxa lill-attriċi sabiex tixtrih mingħand Lighthouse. Probabbilment parir li ngħata minn wara dahar il-konvenuta ġialadarba tbiegħ il-melħ. Pero' m'hemmx prova li sar xi test fuq il-melħ li kienet qegħda tixtri mingħand Lighthouse sabiex jiġi determinat kellux xi mikrobu. Għalhekk m'hemmx prova li l-kontaminazzjoni saret mill-melħ li kien jinxtara mingħand Lighthouse.

13. Irriżulta wkoll li l-*plumbing* sabiex giet installata s-sistema tal-*water softener*, sar minn ċertu Kevin Tabone. Pero' Charles Calleja xehed li, *"It-tekniku tagħna jwaħħal il-pajp tad-drain imwassal* ***sa ħdejn il-gully****"*. Fil-fatt kien Emanuel Zerafa li għamel dak ix-xogħol u xehed, ***"Xogħoli hu li nwassal il-pajp tad-drain sa ħdejn il-gully****. Ngħid li bilfors jasal sa ħdejn il-gully u mhux ġo fiha ghax kieku l-klijent ma jismax l-ilma nieżel"* (seduta tas-6 ta' Diċembru, 2016).

14. Nancy Buhagiar semmiet li s-sistema jkollha *non-return valve* li *"ma jistax jikkontamina l-ilma"*. Pero' m'hemmx prova li f'dan il-kaz Kevin Tabone kien installa *non-return valve*. Fil-fatt fil-kont tal-aċċessorji li xtara Tabone, ma jissemmiex non-return *valve*. Lanqas fl-aċċessorji li jissemmew fil-kont li ħarġet il-konvenuta.

15. Ta' xejn il-konvenuta targumenta li jista' jkun li l-ilma kien kontaminat sa minn qabel tpoġġiet is-sistema tal-*water softener*. M'hemmx prova f'dak is-sens. Fit-tweġiba li ppreżentat fit-Tribunal semmiet ukoll li l-kontaminazzjoni kienet minn *"mikrobu komuni ħafna f'Malta u li seta' introduċa ruħu fil-plumbing tar-rikorrenti b'diversi modi"*. M'hemmx provi dwar il-mikrobu. Li hu ċert hu li l-attriċi kellha ċertifikat li l-ilma ma kienx tajjeb għax-xorb jew ghall-*personal hygiene*.

16. Meta l-inġinier Curmi mar jara l-apparat fid-dar tal-attriċi sab li kien hemm il-pipe tal-waste imdaħħal fil-gulley (ara ritratti mar-rapport). Issemmew ukoll *clips* imwaħħlin mal-*waste pipe*. *Clips* li jintużaw sabiex pajp jitwaħħal mal-ħajt. Fil-fatt quddiem t-Tribunal il-konvenuta argumentat, *"Dak illi juru r-ritratti esibiti huwa li l-pajp in kwistjoni daħal ġol-katusa tad-drenaġġ għaliex ġie maqlugħ mill-clips tiegħu. Dan ifisser illi l-inġinier ma rax il-pajp kif ġie installat imma rah kif ħallieh*

*it-terz imqabbad mir-rikorrenti"*. Il-qorti hi tal-fehma li dak l-argument jagħmel sens. Iż-żewġ clips iwaħħlin mal-*waste pipe* fihom infushom huma prova li probabbilment l-pajp tal-waste kien twaħħal mal-ħajt. Il-qorti ma tistax tispjega mod ieħor il-fatt li huma mqabbdin mal-pajp. Għalhekk jidher li għal xi raġuni jew oħra il-pajp inqala' minn mal-ħajt u xi ħadd, mhux magħruf, kien daħħal it-tarf tal-pajp dritt għal ġewwa l-gulley sabiex l-ilma ma jinxteridx mal-art. Charles Calleja u Zerafa t-tnejn xehedu li l-pajp ma kienx imdaħħal fil-gulley. Wara li Zerafa għamel l-istallazzjoni m'hemmx prova li xi impjegat ieħor min-naħa tal-konvenuta reġa għamel xi xogħol fuq il-*waste pipe*. Min-naħa tagħha l-attriċi ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar il-*waste pipe*.

17. Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti l-provi jindikaw li l-pajp ma' ddaħħalx fil-gully minn Charles Calleja jew Zerafa, impjegati tal-konvenuta. Għaldaqstant, l-attriċi ma tatx prova li l-kontaminazzjoni saret tort tal-konvenuta u ghalhekk l-azzjoni taghha tfalli. Ċirkostanza li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra għal kollox u li fil-fehma tal-qorti kien determinanti għall-eżitu tal-kawża.

18. Hu minnu li waqt il-kawża Nancy Buhagiar qalet li kienet lesta tħallas mitt ewro sabi isir *sterilization* ta' *reverse osmosis*, pero' l-qorti ma tistax tikkonkludi li dikjarazzjoni bħal dik tissarraf f'ammissjoni ta' responsabbilta'. Fil-fatt hi baqgħet tikkontesta l-pretensjoni tal-attriċi li kellha xi ħtija għall-kontaminazzjoni tal-ilma.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet tal-Kosumatur tad-29 ta' Mejju, 2018 u tiċħad it-talba tal-attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha.**

Anthony Ellul.